Nru./No. 21,156
Prezz/Price
€9.54

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 24 ta' Novembru, 2023
Friday, 24th November, 2023

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 13,921 - 13,925
Government Notices ..... *13,921 - 13,925*

Avviżi tal-Pulizija ..... 13,925 - 13,926
Police Notices ..... *13,925 - 13,926*

Avviżi lill-Baħħara ..... 13,926 - 13,928
Notices to Mariners ..... *13,926 - 13,928*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 13,929 - 14,089
Employment Opportunities ..... *13,929 - 14,089*

Avviżi tal-Gvern ..... 14,090 - 14,102
Notices ..... *14,090 - 14,102*

Offerti ..... 14,102 - 14,107
Tenders ..... *14,102 - 14,107*

Avviżi tal-Qorti ..... 14,107 - 14,128
Court Notices ..... *14,107 - 14,128*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1628

PUBBLIKAZZJONI TA' ATT FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali li l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru XXXVIII tal-2023 imsejjaħ l-Att tal-2023 dwar l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani.

L-24 ta' Novembru, 2023

Nru. 1629

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Awtorità għat-Trasport f'Malta

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-Artikolu 5 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Kap. 499), il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali għamel dawn il-ħatriet li ġejjin bħala membri tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta:

Chairperson
Is-Sur Michael Callus

Viċi Chairperson
Is-Sur Christian Sammut

Membri
Is-Sa Dorianne Abela
Is-Sa Celine Vella
Is-Sur Joseph Theuma
Is-Sur Godwin Grech
Is-Sa Marlene Attard
Is-Sa Mariella Agius
Is-Sur Matthew Chetcuti
Is-Sur Joseph Rodgers
Is-Sur Joe Mizzi
Is-Sur Victor Dimech

Segretarja
Is-Sa Benice Farrugia

Dawn il-ħatriet jibqgħu validi għal perjodu ta' sena b'seħħ mit-2 ta' Awwissu, 2023.

L-24 ta' Novembru, 2023

GOVERNMENT NOTICES

No. 1628

PUBLICATION OF ACT IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

Act No. XXXVIII of 2023 entitled the Older Persons Standards Authority Act, 2023.

24th November, 2023

No. 1629

AUTHORITY FOR TRANSPORT IN MALTA ACT (CAP. 499)

Authority for Transport in Malta

IT is notified for general information that, in exercise of the powers conferred by Article 5 of the Authority for Transport in Malta Act (Cap. 499), the Minister for Transport, Infrastructure and Capital Projects has made the following appointments as members of the Authority for Transport in Malta:

Chairperson
Mr Michael Callus

Deputy Chairperson
Mr Christian Sammut

Members
Ms Dorianne Abela
Ms Celine Vella
Mr Joseph Theuma
Mr Godwin Grech
Ms Marlene Attard
Ms Mariella Agius
Mr Matthew Chetcuti
Mr Joseph Rodgers
Mr Joe Mizzi
Mr Victor Dimech

Secretary
Ms Benice Farrugia

These appointments remain valid for a period of one year with effect from the 2nd August, 2023

24th November, 2023

Nru. 1630

UFFIĊĊJU TAL-KAP ARALDU TAL-ARMI TA' MALTA

Regolamenti dwar l-Araldika u l-Ġenealoġija

NGĦARRFU illi bis-saħħa tal-provvediment tal-artiklu 9(2) tar-Regolamenti tal-2021 dwar Araldika u l-Ġenealogija (A.L. 489 tal-2021) (L.S. 445.07), Il-Kap Araldu tal-Armi ta' Malta jgħarraf illi l-persuni msemmija aktar 'l isfel applikaw għall-Konċessjoni/Reġistrazzjoni ta' Armi mill-Uffiċċju tal-Kap Araldu tal-Armi ta' Malta.

Kulħadd jista' jgħarraf lil Kap Araldu tal-Armi ta' Malta sa mhux aktar tard minn wieħed u għoxrin ġurnata (21) wara l-pubblikazzjoni ta' rapreżentazzjonijiet validi u konklużivi favur jew kontra l-applikazzjoni. Dawn ir-rapreżentazzjonijiet għandhom jkunu indirizzati lir-Reġistratur jew bil-miktub jew permezz tal-posta reġistrata lill-Uffiċċju tal-Kap Araldu jew b'mod elettroniku permezz ta' email fuq l-indirizz tal-email (chiefherald@gov.mt).

R0062 Garcia-Bosch-de Morales - de Sola, Alvaro-Enrique Marie Hans Joseph (France)

Per fess dexter lewn il-Fidda Russett Iswed bil-ġwienaħ magħluqa, b'sieq waħda imtella, u bir-rix ta' sidru ta' lewn Aħmar u dawn kollha ġewwa bordura Ħamra li turi l-għajta tal-battalja (crie de guerre) DE GARCIA ARRIBA NADÍE DIGA (għal Garcia). Fuq in-naħa sinister lewn Ikħal, ħames fleur-de-lys lewn id-Deheb bendwise 1,3,1 Iċ-Chief iġorr bħala marka ta' kadenza cirku (annulet) lewn id-Deheb. U maqsuma fi kwarti, l-ewwel u r-raba' Per Fess lewn il-Fidda bendy ta' tlieta ta' lewn Iswed, u fit-tieni u t-tielet kwarti, lewn il-Fidda, siġra taċ-ċawsli ta' lewn Naturali (għal Morales), u li fuqha hemm żewġ ħoloq ta' katina lewn il-Fidda f'bend sinister

Il-kuruna ta' Nobbli qegħda fuq elmu li jixraq il-grad tiegħu bi-drappeġġ Aħmar u lewn il-Fidda minn taħt, u li għandu bħala Kresta fuq girlanda ta' l-istess ilwien kuruna ta' Baruni.

Motto: STRONGER THAN STRENGTH

R0065: Mifsud, Charles Anthony (USA)

Armi

Lewn Aħmar, miżien bejn żewġ nofsijiet ta' palewise slaleb ta' Malta ħierġin mill-ġnub lewn il-Fidda Bħala Kresta, fuq elmu b'girlanda lewn il-Fidda u Ħamra quddiem xemx tiela

No. 1630

OFFICE OF THE CHIEF HERALD OF ARMS OF MALTA

Heraldry and Genealogy Regulations

IN terms of the proviso to article 9(2) of the Heraldry and Genealogy Regulations 2021 (L.N. 489 of 2021) (S.L. 445.07), the Chief Herald of Arms of Malta hereby notifies that the persons listed hereunder have applied for the provision/ registration of heraldic arms from the Office of the Chief Herald of Arms of Malta.

Anyone is to inform the Chief Herald of Arms of Malta by not later than twenty one (21) days after publication of any valid and cogent representations for or against the application. Such representations shall be addressed to the Registrar either in writing by means of registered mail to the Office of the Chief Herald or electronically by means of email to the email address (chiefherald@gov.mt).

R0062 Garcia-Bosch-de Morales - de Sola, Alvaro-Enrique Marie Hans Joseph (France)

Per fess dexter Argent a Heron close Sable, with one leg raised, its chest feathers Gules all within a bordure Gules bearing the crie de guerre DE GARCIA ARRIBA NADÍE DIGA (for Garcia) sinister Azure 5 fleur-de-lys Or bendwise 1,3,1 the chief bearing as a mark of cadency an annulet Or and Quarterly, 1st & 4th Per fess Argent bendy of 3 Sable, 2nd & 3rd Argent a Mulberry tree proper (for Morales), debruised by two links of a chain in bend sinister Argent.

The coronet of a Noble lies upon the helm issuant from which is a helm, befitting his degree, with mantling Gules doubled Argent, bearing for a crest, upon a wreath of the liveries, a baronial coronet.

Motto: STRONGER THAN STRENGTH

R0065: Mifsud, Charles Anthony (USA)

Arms

Gules a balance between two demi-Maltese crosses palewise issuant from the flanks Argent. For a Crest, upon a helm with wreath Argent and Gules in front of a rising sun

fil-glorja lewn id-Deheb, falkun Aħmar bil-munqar u ġnieġel ma saqajħ lewn il-Fidda iżomm fis-sieq dexter sejf bil-ponta l-fuq u muftieħ bit-tarf ilfuq imsallba f'saltire t-tnejn ta' lewn Iswed. Id-drappeġġ Aħmar u lewn il-Fidda minn taħt.

Motto: Mortuo Mundo Vivum in Christo

Arma (Badge)

Xemx fil-glorja lewn id-Deheb li fuqha hemm salib ta' Malta Iswed sovrappost minn wieħed lewn il-Fidda.

Standard

Lewn il-Fidda bit-truf irrotondati, l-Armi mal-parti qrib l-arblu, fin-nofs il-Kresta bejn żewġ rappreżentazzjonijiet tal-Arma (Badge) separati b'faxex (bends) lewn il-Fidda bit-truf Ħomor u li fuqhom jirrepeti ruħu il-Motto b'lewn Iswed MORTUO MUNDO VIVUM IN CHRISTO, u kollox imdawwar b'bordura lewn il-Fidda w Ħamra w bil-komma ta' ma l-arblu lewn il-Fidda.

G0097 Lucarella, Dr. Leonardo (Italy)

Lewn Ikħal in pale, kometa bir-ras forma ta' stilla (etoile) ta' sitt ponot b'dembha mmewweġ jispiċċa f'ponta ta' vleġġa kollox lew id-Deheb. U fuq Chief lewn id-Deheb ajkla Sewda bl-ilsien Aħmar.

Fuq it-tarka hemm kuruna ta' Baruni

Motto: CLARIOR ELUCESCAM

G0098 Einarsson, Breki (Iceland)

Per chevron lewn id-Deheb u Vjola (Purpure), fil-bażi ras ta' dragun maqtugħa mill-għonq (erased) lewn il-Fidda u bl-ilsien Aħmar iżomm f'ħalqu sejf miksur lewn id-Deheb. Fiċ-Chief hemm il-Ægishjálmur (Is-Simbolu Vikingu tal-Għaġeb jew Biża) Iswed bejn żewg Puffins iħarsu lejn xulxin (respectant) bil-ġwienaħ magħluqa (addorsed) u merfugħa l-fuq ta' lewn Naturali. Fuq l-elmu li jixraq il-grad tiegħu, bid-drappeġġ lewn id-Deheb u Vjola minn taħt, għandu bħala Kresta fuq girlanda tal-istess ilwien dragun passanti lewn Vjola bl-ilsien u l-ħalq Ħomor u jżomm fis-sieq dexter ta' quddiem sejf maqsum lewn il-Fidda.

Motto:ᚼᚾᛁᚦᚢᚱ•ᚼᚢᛦᚱᚾᛦᛁ•ᛦᚱᚾᚦᛋᛋ

Dr Charles A. Gauci
Kap Araldu tal-Armi ta' Malta

L-24 ta' Novembru, 2023

in splendour Or, a falcon Gules beaked and belled Argent holding in the dexter foot a sword point upwards and a key wards upwards and outwards in saltire Sable. Mantled Gules doubled Argent.

Motto: Mortuo Mundo Vivum in Christo

Badge

A sun in splendour Or charged with a Maltese cross throughout Sable voided Argent

Standard

Argent rounded in the fly, the Arms in the hoist, centrally the crest between two representations of the badge separated by bends Argent cottised Gules bearing successively in Sable the motto MORTUO MUNDO VIVUM IN CHRISTO, the whole fringed compony Argent and Gules, the sleeve Argent.

G0097 Lucarella, Dr. Leonardo (Italy)

Azure in pale a comet, its head an etoile of six points, its tail wavy ending in an arrowhead at Base Point all Or and on a chief of the Last an eagle Sable langued Gules.

A baronial coronet above the shield

Motto: CLARIOR ELUCESCAM

G0098 Einarsson, Breki (Iceland)

Per chevron Or and Purpure, in base a dragon's head erased Argent langued Gules holding in its mouth a broken sword Or, in chief the Ægishjálmur Sable between two male puffins respectant wings addorsed and elevated proper. Above a helm befitting his degree with mantling Or doubled Purpure is set for crest upon a wreath of the liveries, a dragon passant Purpure, tongue and snout Gules, holding in the dexter foreclaws a broken sword Argent.

Motto:ᚼᚾᛁᚦᚢᚱ•ᚼᚢᛦᚱᚾᛦᛁ•ᛦᚱᚾᚦᛋᛋ

Dr Charles A. Gauci
Chief Herald of Arms of Malta

24th November, 2023

Nru. 1631

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL

Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 27)

SKONT id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 30(2) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327) il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni b'din jgħarraf illi s-Sur Carmel Agius, bil-karta tal-identità numru 0095567M u detentur tal-warrant permanenti ta' għalliem numru 10513, m'għadux kwalifikat biex ikollu warrant ta' għalliem.

Il-warrant ta' għalliem numru 2719 tas-Sur Agius ġie mħassar u għalhekk m'għadux fil-pussess ta' warrant ta' għalliem.

L-24 ta' Novembru, 2023

No. 1631

MINISTRY FOR EDUCATION AND EMPLOYMENT

Education Act (Cap. 27)

IN accordance with Article 30(2) of the Education Act (Cap. 327), the Minister for Education, Sport, Youth, Research and Innovation hereby notifies that Mr Carmel Agius, holder of Maltese identity card number 0095567M and holder of a permanent teacher's warrant number 10513, is no longer qualified to retain a teacher's warrant.

Mr Agius's teacher's permanent warrant number 10513 has been revoked and he is therefore no longer in possession of the teacher's warrant.

24th November, 2023

Nru. 1632

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-aprezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver Grams*
24.11.2023	€58.982	€0.702

L-24 ta' Novembru, 2023

No. 1632

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

24th November, 2023

Nru. 1633

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Tiġdid ta' Notifika tal-Gvern Nru. 681 tal-10 ta' Ġunju, 2022

ID-DIRETTORAT għal Ħarsien tal-pjanti jinnotifika li l-Avviż tal-Gvern bin-numru 681 maħruġ fl-10 ta' Ġunju, 2022, dwar il-Ġestjoni tas-Siġar tal-Palm f'Siti Magħżula, qed jiġi mġedded.

L-24 ta' Novembru, 2023

No. 1633

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Renewal of Government Notice No. 681 of 10th June, 2022

THE Plant Protection Directorate hereby notifies that Government Notice number 681 issued on 10th June, 2022, on the Management of Palm Trees Within Designated Sites, is hereby being renewed.

24th November, 2023

Nru. 1634

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U L-ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tal-artikolu 10B tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, in-Nutar Dottor Michaela Pace biddlet kunjomha minn Pace għal Zahra wara ż-żwieġ tagħha u għalhekk isimha u kunjomha issa jinqraw Michaela Zahra.

DOTT. KEITH FRANCIS GERMAN
Nutar Prinċipali tal-Gvern

L-24 ta' Novembru, 2023

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 230

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħal Kirkop

Nhar il-Ħamis, 30 ta' Novembru, 2023, mill-5.00 a.m. sal-11.59 p.m., u mill-Ġimgħa, l-1 sal-Ħadd, 3 ta' Diċembru, 2023, il-ġurnata kollha mill-00.01.a.m. sal-11.59 p.m., minn Triq San Benedittu, Triq San Rokku, Misraħ Ħal Kirkop, Triq il-Parroċċa, Misraħ San Leonardu, Triq Mons. Barbara, Misraħ iż-Żerniq, Triq Benedittu Farrugia u Triq il-Kbira.

Trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Ir-Rabat (Għawdex)

Nhar il-Ħamis, 7 ta' Diċembru, 2023, mit-3.15 p.m. sat-8.30 p.m., minn Triq Pietru Pace, Pjazza San Franġisk, Triq Għajn Qatet, Triq it-8 ta' Diċembru, Triq San Duminku, Triq Pompej u Triq Enrico Mizzi;

Nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Diċembru, 2023, mit-3.15 p.m. sad-9.30 p.m., minn Pjazza San Franġisk, Triq Palma, Triq ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, Triq San Ġużepp, Pjazza San Ġorġ, Triq il-Karità, Triq Vajringa u Pjazza San Franġisk.

Trasport pubbliku jista' jkun ukoll affettwat.

No. 1634

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

IT is hereby notified that in virtue of article 10B of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, Notary Doctor Michaela Pace changed her surname from Pace to Zahra following her marriage and therefore her name and surname now read Michaela Zahra.

DR KEITH FRANCIS GERMAN
Chief Notary to Government

24th November, 2023

POLICE NOTICE

No. 230

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Ħal Kirkop

On Thursday, 30th November, 2023, from 5.00 a.m. till 11.59 p.m., and from Friday, 1st till Sunday, 3rd December, all day from 00.01 a.m. till 11.59 p.m., through Triq San Benedittu, Triq San Rokku, Misraħ Ħal Kirkop, Triq il-Parroċċa, Misraħ San Leonardu, Triq Mons. Barbara, Misraħ iż-Żerniq, Triq Benedittu Farrugia and Triq il-Kbira.

Public transport will not be affected.

Victoria (Gozo)

On Thursday, 7th December, 2023, from 3.15 p.m. till 8.30 p.m., through Triq Pietru Pace, Pjazza San Franġisk, Triq Għajn Qatet, Triq it-8 ta' Diċembru, Triq San Duminku, Triq Pompej and Triq Enrico Mizzi;

On Friday, 8th December, 2023, from 3.15 p.m. till 9.30 p.m., through Pjazza San Franġisk, Triq Palma, Triq ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, Triq San Ġużepp, Pjazza San Ġorġ, Triq il-Karità, Triq Vajringa and Pjazza San Franġisk.

Public transport may also be affected.

L-Imqabba

Nhar is-Sibt, 10 ta' Diċembru, 2023, mit-3.00 p.m. sad-9.00 p.m., purċissjoni minn Misraħ il-Knisja, Triq San Bażilju, Triq il-Karmnu, Triq il-Belt, u Triq tan-Nofs il-Parroċċa.

Trasport pubbliku se jkun affettwat sakemm tgħaddi l-purċissjoni.

Iż-Żejtun

Nhar il-Ħamis, 28 ta' Diċembru, 2023, mill-4.30 p.m. sad-9.00 p.m., minn fejn il-knisja parrokkjali, Triq Santa Katarina, Triq il-Kostutizzjoni u Misraħ Gregorio Bonici.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-24 ta' Novembru, 2023

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 231

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħ'Attard

Nhar il-Ħadd, 24 ta' Diċembru, 2023 mis-6.00 p.m. sat-8.00 p.m. minn Triq Inħasa, Triq il-Ġamar, Triq l-Isptar, Triq il-Marġ Plajja, Triq il-Pitkali, Misraħ Ġwanni Pawlu II, Triq il-Ġibja, Triq is-Sienja, Triq Tursin ir-Riħ, Triq l-Aruka, Triq is-Sagħtrija, Triq il-Kromb, Triq ir-Rużell, Triq Xatbet l-Art, Triq Ħal Warda and Triq il-Knisja.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-24 ta' Novembru, 2023

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 211 tal-2023

Filming ġewwa l-Port il-Kbir u ġewwa r-Ramla ta' Għajn Tuffieħa - ARSF

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara u lill-operaturi tal-bastimenti kollha li nhar

Mqabba

On Saturday, 10th December, 2023, from 3.00 p.m. till 9.00 p.m., procession through Misraħ il-Knisja, Triq San Bażilju, Triq il-Karmnu, Triq il-Belt, and Triq tan-Nofs il-Parroċċa.

Public transport will also be affected till the passing of the procession.

Żejtun

On Thursday, 28th December, 2023, from 4.30 p.m. till 9.00 p.m., through near the parish church, Triq Santa Katarina, Triq il-Kostutizzjoni and Misraħ Gregorio Bonici.

Public transport will also be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

24th November, 2023

POLICE NOTICE

No. 231

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Ħ'Attard

On Sunday, 24th December, 2023 from 6.00 p.m. till 8.00 p.m. through Triq Inħasa, Triq il-Ġamar, Triq l-Isptar, Triq il-Marġ Plajja, Triq il-Pitkali, Misraħ Ġwanni Pawlu II, Triq il-Ġibja, Triq is-Sienja, Triq Tursin ir-Riħ, Triq l-Aruka, Triq is-Sagħtrija, Triq il-Kromb, Triq ir-Rużell, Triq Xatbet l-Art, Triq Ħal Warda and Triq il-Knisja.

Public transport will be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

24th November, 2023

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 211 of 2023

Filming inside the Grand Harbour and inside Ir-Ramla ta' Għajn Tuffieħa - ARSF

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies all mariners and sea vessel operators that filming

il-Ġimgħa, 1 ta' Diċembru, 2023 se jsiru attivitajiet ta' filming ġewwa l-Port il-Kbir u ġewwa r-Ramla ta' Għajn Tuffieħa.

L-iffilmjar se jsir matul il-ħin u l'postijiet kif elenkati hawn taħt.

Ġewwa l-Port il-Kbir

Il-filming huwa skedat li jsir mis-6.00 a.m. sas-7.00 p.m. u se jsir mill-punt tal-Isla (A) u l-punt Bighi (B), kif jidher fuq ċart 1 fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt). Se jintuża wkoll drone għall-iffilmjar.

Waqt il-filming, se jiġu ffilmjati numru ta' bastimenti li jbaħħru l-ġewwa u l-barra mill-Port il-Kbir u ġewwa l-Port il-Kbir. Se jkun hemm ukoll numru ta' RHIBs bħala appoġġ.

Qed jintalab li l-bastimenti kollha li ma jipparteċipawx fil-filming għandhom iżommu l ' bogħod mill-bastimenti li jkunu qed jiġu ffilmjati.

Fi ħdan Ir-Ramla ta' Għajn Tuffieħa

L-iffilmjar huwa skedat li jsir bejn 1.00 p.m. u 5.00 p.m. u se jsir mill-punt (C), kif muri fit-tabella 2 fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Waqt il-filming, l-ebda bastiment ma huwa permess ġewwa r-Ramla ta' Għajn Tuffieħa u l-ebda bastiment ma għandu jaqsam id-daħla tal-bajja.

Il-baħħara li qed jinnavigaw fil-viċinanza taż-żoni indikati fid-data u l-ħinijiet imsemmija għandhom isegwu fuq VHF Channel 12 u għandhom jikkoperaw mal-ekwipaġġ tal-ġbid u/jew kwalunkwe uffiċjal tal-infurzar fiż-żoni.

Kwalunkwe struzzjonijiet maħruġa fuq VHF Channel 12/16 minn Valletta VTS għandhom jiġu mħarsa.

Charts affettwati: BA 177, 211

L-24 ta' Novembru, 2023

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 212 tal-2023

Emenda għall-Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 210 tal-2023 rigward Irkupru ta' ankri u ktajjen minn qrib l'Installazzjoni tal-31 ta' Marzu fil-Bajja ta' Marsaxlokk

Issir referenza għall-Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 210 tal-2023.

activities will take place within the Grand Harbour and within Ir-Ramla ta' Ghajn Tuffieha on Friday, 1st December, 2023.

Filming will take place during the time and at locations as listed below.

Within Grand Harbour.

Filming is scheduled to be carried out from 6.00 a.m. till 7.00 p.m. and will be carried out from Senglea point (A) and Bighi point (B), as shown on the chart 1 found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt). A drone will also be used for filming.

During the filming, a number of vessels will be filmed sailing in and out of the Grand Harbour and within the Grand Harbour. There will also be a number of RHIBs as support.

It is being requested that all vessels not participating in the filming are to keep out of the way of the vessels being filmed.

Within Ir-Ramla ta' Għajn Tuffieħa.

Filming is scheduled to be carried out from 1.00 p.m. till 5.00 p.m. and will be carried out from point (C), as shown on chart 2 found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

During the filming, no vessel is allowed inside Ir-Ramla ta' Għajn Tuffieħa and no vessel is to cross the entrance to the bay.

Mariners navigating in the vicinity of the indicated areas on the mentioned date and times are to keep watch on VHF Channel 12 and are to cooperate with the filming crew and/or any enforcement officers in the areas.

Any instructions issued on VHF channel 12/16 by Valletta VTS are to be complied with.

Charts affected: BA 177, 211

24th November, 2023

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 212 of 2023

Amendment to Local Notice to Mariners No. 210 of 2023 re Recovery of anchors and chains from near 31 March Installation in Il-Bajja ta' Marsaxlokk

Reference is made to Local Notice to Mariners No. 210 of 2023.

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara u lis-sidien tal-bastimenti li l-irkupru tal-ankri u l-ktajjen mill-Installazzjoni qrib il-31 ta' Marzu fil-Bajja ta' Marsaxlokk, mhux se jitlesta fiż-żmien, kif ippjanat. Għalhekk id-data tat-tlestija qed tiġi estiża sal-Ħadd, 10 ta' Diċembru, 2023.

L-Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 210 tal-2023 għandu jiġi emendat skont dan.

L-informazzjoni l-oħra kollha msemmija fl-Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 210 tal-2023 tibqa' valida.

Chart affettwata: BA 36

L-24 ta' Novembru, 2023

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 39 tal-2023

Emenda għall-Avviż lill-Baħħara Nru. 4 tal-2023 dwar Żoni Arkeoloġiċi fuq il-Baħar – Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali (Lista kkonsolidata ta' Jannar 2023)

Issir referenza għall-Avviż lill-Baħħara Nru. 4 tal-2023.

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jinnotifika lill-baħħara u lis-sidien tal-bastimenti dwar l-emenda u ż-żieda ta' dan li ġej fl-Avviż lill-Baħħara Nru. 4 tal-2023.

Emenda l-koordinati fejn jitqiegħed Spitfire għall:

Barra l-Bajja ta' San Blas (Għawdex)

Spitfire 36° 03'.539 T 014° 19'.344 L 150 m

Daħħal Żona Arkeoloġika addizzjonali:

F'Nofsinhar tal-Pinnur tal-Wardija (Ghawdex)

Phoenician 36° 01'.646 T 014° 11'.458 L 100 m

L-Avviż lill-Baħħara Nru. 4 tal-2023 għandu jiġi emendat skont dan.

L-informazzjoni l-oħra kollha msemmija fl-Avviż lill-Baħħara Nru. 4 tal-2023 se tibqa' valida.

Chart affettwata: BA 2537

L-24 ta' Novembru, 2023

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and owners of vessels that the recovery of anchors and chains from near 31st March Installation in Il-Bajja ta' Marsaxlokk, will not be completed within the time, as planned. The completion date is therefore being extended until Sunday, 10th December, 2023.

Local Notice to Mariners No. 210 of 2023 is to be amended accordingly.

All the other information mentioned in Local Notice to Mariners No. 210 of 2023 will remain valid.

Chart affected: BA 36

24th November, 2023

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 39 of 2023

Amendment to Notice to Mariners No. 4 of 2023 re Archaeological Zones at Sea – Superintendence of Cultural Heritage (Consolidated list January 2023)

Reference is made to Notice to Mariners No. 4 of 2023.

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and owners of vessels about the amendment and addition of the following to Notice to Mariners No. 4 of 2023.

Amend the co-ordinates where Spitfire is laid to:

Off San Blas Bay (Gozo)

Spitfire 36° 03'.539 N 014° 19'.344 E 150 m

Insert an additional Archaeological Zone:

South of Il-Pinnur tal-Wardija (Gozo)

Phoenician 36° 01'.646 N 014° 11'.458 E 100 m

Notice to Mariners No. 4 of 2023 is to be amended accordingly.

All the other information mentioned in Notice to Mariners No. 4 of 2023 will remain valid.

Chart affected: BA 2537

24th November, 2023

MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR

Post ta' Senior Technical Officer (Draughtsperson) fil-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur (People Management), Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Senior Technical Officer (Draughtsperson) fil-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sitt (6) xhur.

2.2 Is-salarju ta' Senior Technical Officer (Draughtsperson) huwa ta' Skala ta' Salarju 11, li fis-sena 2023 huwa ta' €21,630.00 fis-sena, li jiżdied bi €375.17 fis-sena sa massimu ta' €23,881.02.

2.3 Persuna fil-grad ta' Senior Technical Officer titla' fi Skala 10 (€23,029.57 x €407.67 - €25,475.59) fis-sena 2023 wara ħames (5) snin servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.4 Persuna maħtura tkun intitolata għal benefiċċji oħra u suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi oħra li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti bejn il-Gvern ta' Malta u l-union kompetenti.

2.5 Applikazzjonijiet laterali minn uffiċjali pubbliċi li diġà għandhom ħatra fl-istess grad li qiegħda tkun reklamata huma permessi biss jekk il-qasam ta' speċjalizzazzjoni tal-post vakanti huwa differenti minn dak tal-applikant u jeħtieġ kwalifika speċifika relatata bħala rekwiżit ta' eliġibbiltà, li l-applikant irid jissodisfa.

2.6 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'dan il-grad tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC/ADAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Senior Technical Officer (Draughtsperson) jinkludu li:

i. Iħejji u jiffinalizza kull tip ta' pjanti arkitettoniċi, strutturali u ta' landscaping, working drawings u disinji ta' kull tip ta' bini u skemi ta' pjanifikazzjoni, jipproduċi

MINISTRY FOR PUBLIC WORKS AND PLANNING

Post of Senior Technical Officer (Draughtsperson) in the Ministry for Public Works and Planning

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director (People Management), Ministry for Public Works and Planning, invites applications for the post of Senior Technical Officer (Draughtsperson) in the Ministry for Public Works and Planning.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of six (6) months.

2.2 The salary for the post of Senior Technical Officer (Draughtsperson) is Salary Scale 11, which in the year 2023 is equivalent to €21,630.00 per annum, rising by annual increments of €375.17 up to a maximum of €23,881.02.

2.3 A Senior Technical Officer will progress to Scale 10 (€23,029.57 x €407.67 - €25,475.59) in the year 2023 on completion of five (5) years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.4 The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government of Malta and the competent union.

2.5 Lateral applications by public officers who already hold an appointment in the same grade being advertised are allowed only if the area of specialisation of the vacancy is different to the one held by the applicant and requires a specific related qualification as an eligibility requirement, which the applicant must satisfy.

2.6 Accepting appointment in this grade signifies that any pending applications within the Public Service are automatically considered renounced, unless the latter are applications for SAAC/ADAC positions or applications for a definite position.

Duties

3. The job duties for the post of Senior Technical Officer (Draughtsperson) include:

i. Prepares and finalises all types of architectural, structural and landscaping plans, working drawings and designs of all types of building and planning schemes,

pjanti għal preżentazzjoni, pjanti għal applikazzjonijiet għal permess u pjanti għal tenders permezz ta' AutoCAD jew mezzi oħra ta' disinn bl-użu tal-kompjuter jew b'mezzi ta' tpinġija tradizzjonali;

ii. Jinterpreta abbozzi ta' periti u inġiniera strutturali, u jipprepara pjanti minn dawn l-abbozzi f'format diġitali (permezz ta' AutoCAD, eċċ.);

iii. Jiddettalja pjanti arkitettoniċi, strutturali u ta' landscaping minn fuq abbozzi preparati minn periti u inġiniera strutturali;

iv. Jaġġorna pjanti u tqassim biex jirriflettu bidliet li jkun hemm bżonn;

v. Ikejjel proġetti eżistenti (bini, żoni b'landscaping, eċċ.) fuq il-post u jipprepara pjanti 'eżistenti' jew 'kif inbnew';

vi. Jassisti periti u inġiniera biex jivviżwalizzaw kunċetti permezz ta' interazzjoni verbali u komunikazzjoni grafika;

vii. Jassisti periti, inġiniera u uffiċjali tekniċi fuq aspetti tekniċi;

viii. Jiġbor informazzjoni u jipprepara bar bending schedules;

ix. Iżomm dokumentazzjoni u korrispondenza ta' natura teknika;

x. Jistampa pjanti, mapep u dokumenti oħra permezz ta' plotters jew printers;

xi. Iwettaq kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha kif jista' jkun meħtieġ;

xii. Iwettaq kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet

produces presentation drawings, drawings for planning applications and tender drawings by AutoCAD or any other computer aided design application or with traditional drafting methods;

ii. Interprets architects' and structural engineers' sketches, and prepares drawings from these sketches in digital format (using AutoCAD, etc.);

iii. Details architectural, structural and landscaping plans as per sketches prepared by architects and structural engineers;

iv. Revises drawings and layouts to accommodate changes;

v. Measures existing projects (buildings, landscaped areas, etc.) on site and preparing 'as existing' or 'as built' drawings;

vi. Assists architects and engineers to visualize concepts through verbal interaction and graphical communication;

vii. Assists architects, engineers and technical staff in technical aspects;

viii. Compiles data and bar bending schedules;

ix. Keeps records and technical file correspondence;

x. Prints digital plans, maps and other documents using plotters or printers

xi. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required; and

xii. Undertakes any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to

ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

iii. fil-grad ta' Technical Officer; JEW

iv. ikollhom Higher Technician Diploma (HTD) f'Livell 5 tal-MQF (li jkollha minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti*), f'qasam tekniku relatat jew kwalifika komparabbli f'Livell 5 tal-MQF;

JEW

v. ikollhom kwalifika rikonoxxuta (sentejn (2) full-time jew ekwivalenti) f'Livell 4 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 120 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti*), f'qasam tekniku relatat, jew kwalifika komparabbli flimkien ma' sentejn (2) esperjenza xierqa u ppruvata.

employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. able to communicate in Maltese and English;

iii. in the grade of Technical Officer; OR

iv. in possession of a Higher Technician Diploma (HTD) at MQF Level 5 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in a related technical area or a comparable qualification at MQF Level 5;

OR

v. in possession of a recognised (two (2) year full-time or equivalent) qualification at MQF Level 4 (subject to a minimum of 120 ECTS/ECVET credits or equivalent*), in a relevant technical area or a comparable qualification plus two (2) years proven appropriate experience.

Il-Higher Technician Diploma (HTD) hija meqjusa bħala kwalifika f'Livell 5 tal-Malta Qualifications Framework (suġġetta għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*). Persuna li jkollha kwalifika rikonoxxuta f'Livell 4 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 120 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*), segwita b'sentejn esperjenza xierqa u ppruvata, titqies bħala li tissodisfa l-klawsola 'Higher Technician Diploma' jew kwalifika xierqa u ekwivalenti li tinsab f'paragrafu 4.1 (iv).

*Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma' 60/120 krettu, hekk kif applikabbli, hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mall-applikazzjoni.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita jew fi grad/pożizzjoni inqas. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

4.2 (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat.

(ii) Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1, xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika sal-31 ta' Ottubru, 2024. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

(a) Il-perjodu ta' prova u l-intitolament għall-progressjoni (skont il-każ) jibdew jgħoddu mid-data tal-ħatra.

(b) Il-persuni maħtura ma jibbenefikaw minn ebda benefiċċji, sakemm jiksbu l-kwalifika jew ikunu approvati għall-kisba tal-kwalifika indikata, kif imsemmi f'paragrafu 4.1.

(c) Marki għal kwalifiki rilevanti addizzjonali jistgħu jingħataw biss għal kwalifiki miksuba sad-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Kandidat li jista' jipprovdi evidenza li l-ECTS meħtieġa nkisbu sa dik id-data jista' jingħata l-marki skont dan, jiġifieri l-bord tal-għażla jista' jagħżel li jagħti waħda mill-marki l-aktar baxxi jekk issostanzjat minn traskrizzjoni disponibbli

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn

The Higher Technician Diploma is rated at Level 5 within the Malta Qualification Framework (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent*). A person in possession of an MQF Level 4 appropriate recognised qualification (subject to a minimum of 120 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) followed by two (2) years proven appropriate experience shall be deemed to satisfy the clause 'Higher Technician Diploma' or appropriate equivalent qualification found under paragraph 4.1 (iv).

*A recognised qualification comparable to 60/120 ECTS/ECVET credits, as applicable, is only accepted subject to an MQRIC formal recognition statement being submitted with the application.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position or in a lower grade/position. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

4.2 (i) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

(ii) Furthermore, candidates who have not yet formally obtained the qualification specified in paragraph 4.1 will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification by the 31st October, 2024. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

(a) The probation period and progression entitlement (as the case may be) start to count from date of appointment.

(b) Such appointees will not benefit from any allowances until attainment of, or are approved for the indicated qualification referred to in clauses 4.1.

(c) Marks for additional relevant qualifications may only be awarded for qualifications attained by the closing date of the call for applications. A candidate who can provide evidence that the necessary ECTS were attained by such date may be awarded marks accordingly, i.e. the selection board could opt to give one of the lower marks if substantiated by an available transcript.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates

il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.3. Uffiċjali pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta daħlet fis-seħħ il-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.4 Uffiċjali pubbliċi li bħalissa għandhom ħatra bħala Uffiċjal fil-Grad huma kkunsidrati fuq bażi personali li jappartjenu għall-klassi/linja tal-grad sostantiv immedjatament preċedenti tagħhom, u jistgħu japplikaw fuq il-bażi tal-iskala kurrenti tagħhom bħala Uffiċjal fil-Grad, li għandha tkun ekwivalenti għal, jew ogħla minn, dak li hu meħtieġ minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-snin ta' servizz mid-data effettiva tal-ħatra bħala uffiċjal fil-Grad huma kkalkulati għall-iskop li jissodisfaw is-snin meħtieġa ta' 'servizz fil-grad' kif stipulat fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet.

Kwalunke rekwiżit ieħor ta' eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni għandu jintlaħaq f'termini ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.5 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

4.6 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.5 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF level by the closing time and date of the call for applications.

4.3 Public officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.4 Public officers who currently hold an appointment as Officer in Grade are considered on a personal basis to pertain to the class/stream of their immediately previous substantive grade, and may apply on the basis of their current scale as Officer in Grade, which must be equivalent to, or higher than, what is required by this call for applications.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Grade are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of 'service in the grade' as stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post/position must be met in terms of this call for applications

4.5 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by the HR Unit of the ministry/department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

4.6 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.5 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.7 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-bord tal-għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippubblikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant), jew lill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-bord tal-għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

4.8 L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.5, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

MITA welcomes candidates having knowledge in various ICT areas such as Local Area Networks, Operating Systems and Desktop Technology together with the ability to integrate with MITA's clients.

These positions provide an excellent fundamental basis for a solid career in ICT with MITA, including professional training in related Industry Certifications. MITA guarantees a professional and enjoyable work environment where employees' efforts are rewarded. Apart from a good remuneration package, these positions enjoy a number of perks intended to provide employees with an enjoyable and positive work experience which includes a set of family friendly policies intended to establish the right work-life balance.

Successful candidates will be employed on an indefinite term contract.

Eligibility Requirements:

One of the following in an ICT area:

i) A qualification at MQF Level 5 or higher; OR

ii) A qualification in a related area (MQF Level 4) and one (1)year experience in a related area; OR

iii) 2 years' experience in a related area

Il-kandidati jistgħu jiġu offruti l-pożizzjoni bħala Livell Assoċjat – Livell tal-Karriera 2, jew Livell Standard – Livell tal-Karriera 3, skont il-livell ta' kompetenza.

Gradwati ġodda jistgħu jiġu offruti opportunità ta' impjieg suġġetta għall-għoti ta' riżultati finali. Se jiġi pprovdut taħriġ.

CV dettaljata flimkien ma' dikjarazzjoni ta' motivazzjoni għandhom jiġu sottomessi sa mhux aktar tard mill-Ħamis, 30 ta' Novembru, 2023, permezz ta' ittra elettronika lil (careers.mita@gov.mt).

L-24 ta' Novembru, 2023

L-AĠENZIJA TAT-TEKNOLOĠIJA TAL-INFORMATIKA TA' MALTA

Konsulent

Permess tal-Jobsplus 305/2021

MITA qed tfittex professjonisti biex jgħinu fit-twassil soluzzjonijiet ta' trasformazzjoni fuq servizzi ewlenin tal-Gvern bħas-Saħħa, is-Sigurtà Soċjali, it-Taxxa u d-Dwana.

Din hija opportunità għal karriera attraenti, li toffri varjetà ta' sfidi għall-iżvilupp professjonali fil-Proġett ta' Ġestjoni, Product Ownership, IT Teknika u Konsulenza ta' Ġestjoni.

Hemm opportunitajiet għal individwi li qed ifittxu tkabbir f'oqsma tekniċi u/jew għal persuni li għandhom dehen tan-negozju aktar b'saħħtu u jistgħu jwasslu soluzzjonijiet ta' negozju billi jużaw in-natura ta' tfixkil tat-tendenzi attwali tal-IT.

Min jaħdem mal-proġett/żvilupp tal-prodott, il-kandidat magħżul ikollu rwol ewlieni fil-pjan direzzjonali tal-prodott fit-tul billi jkun il-vuċi tal-klijenti permezz tal-elementi kollha tal-vjaġġ tal-prodott. Il-kandidat magħżul se jsolvi kwistjonijiet kummerċjali u/jew tekniċi, joħloq valur, jimmassimizza t-tkabbir u jtejjeb il-prestazzjoni tan-negozju.

Ir-rwol huwa li jidentifika għażliet għall-klijenti u jipprovdi pariri oġġettivi u għarfien espert lejn rakkomandazzjonijiet għall-bidla, u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet tan-negozju. Il-kandidat magħżul ikun inkarigat primarjament bl-istrateġija, l-istruttura, il-ġestjoni, il-pariri tekniċi, u l-operazzjonijiet ta' qasam tan-negozju. Il-konsulent se jaħdem fuq proġetti li jinvolvu l-immodernizzar ta' sistemi tal-IT ta' legacy u japplika teknoloġiji innovattivi bħal intelliġenza artifiċjali, analitika avvanzata, awtomazzjoni tal-proċess robotiku u awtomazzjoni intelliġenti.

Il-kandidati eliġibbli għandu jkollhom waħda mill-kwalifiki u/jew esperjenza fl-ICT li ġejjin:

Candidates may be offered the position as an Associate Level – Career Level 2, or the Standard Level – Career Level 3, depending on competency level.

Fresh graduates may be offered an employment opportunity subject to the provision of final results. Training will be provided.

A detailed CV together with a covering email are to be submitted by not later than Thursday, 30th November, 2023 to (careers.mita@gov.mt).

24th November, 2023

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AGENCY

Consultant

Jobsplus Permit 305/2021

MITA is looking for professionals to help deliver transformational solutions on core Government services such as Health, Social Security, Tax and Customs.

This is an opportunity for an attractive career, offering a variety of challenges for professional development in Project Management, Product Ownership, IT Technical and Managing Consultancy.

There are opportunities for individuals seeking growth in technical domains and/or for persons who have a stronger business acumen and can deliver business solutions using the disruptive nature of current IT trends.

Working with the project/product development, the chosen candidate play a key role in the long-term product roadmap by being the clients' voice through all elements of the product journey. The chosen candidate will solve business and/or technical issues, create value, maximise growth and improve business performance.

The role is to identify options for the clients and provide objective advice and expertise towards recommendations for change, and the implementation of business solutions. Chosen candidate will be concerned primarily with the strategy, structure, management, technical advice, and operations of a business area. He/she will work on projects involving modernization of legacy IT systems and applying innovative technologies such as artificial intelligence, advanced analytics, robotic process automation and intelligent automation.

Eligible candidates must hold either one of the following qualifications and/or experience in ICT:

i) Kwalifika tal-ICT (Livell 7 tal-MQF) jew ogħla u ħames (5) snin esperjenza fl-ICT, li tlieta (3) minnhom iridu jkunu f'livell ta' tmexxija/teknika għolja; JEW

ii) Kwalifika tal-ICT (Livell 6 tal-MQF) u sitt (6) snin esperjenza fl-ICT, li tlieta (3) minnhom iridu jkunu f'livell ta' tmexxija/teknika għolja; JEW

iii) Għaxar (10) snin esperjenza fl-ICT, li tlieta (3) minnhom iridu jkunu f'livell ta' tmexxija/teknika għolja

CV dettaljata flimkien ma' dikjarazzjoni ta' motivazzjoni għandhom jiġu sottomessi sa mhux aktar tard mill-Ħamis, 30 ta' Novembru, 2023, permezz ta' ittra elettronika lil (careers.mita@gov.mt).

L-24 ta' Novembru, 2023

L-AĠENZIJA TAT-TEKNOLOĠIJA TAL-INFORMATIKA TA' MALTA

Technical Services Officer

Permess tal-Jobsplus: 379/2017

Software Licence Management – Modern Workplace Technologies

Il-MITA – Software License Management Office qed imexxi t-trasformazzjoni diġitali madwar il-Gvern ta' Malta, trasformazzjoni diġitali ta' titjib kontinwu, billi tagħti s-setgħa lill-Impjegati tal-Gvern kollha b'desktop diġitali modern ibbażat fuq it-Teknoloġiji Microsoft inklużi s-servizzi online Office365.

It-tim ta' MITA qed jikber u għalhekk qed ifittex li jimpjega Technical Services Officer biex jingħaqad magħha f'dan il-vjaġġ diġitali ta' implimentazzjoni u appoġġ ta' Teknoloġiji Moderni. F'dan ir-rwol il-kandidat magħżul se jkollu l-opportunità li jassisti lill-klijenti intrapriżi ta' MITA, iħaddan t-trasformazzjoni diġitali, filwaqt li jappoġġja minn perspettiva teknika t-teknoloġija avvanzata li l-MITA qed isuq mal-Gvern u jassisti lil-line manager f'doveri amministrattivi relatati mal-ġestjoni ta' diversi kuntratti tas-software.

Il-kandidati eliġibbli jridu jkunu lesti jitgħallmu dwar Microsoft Tools & Applications, biex jispeċjalizzaw fil-qasam tal-Post tax-Xogħol Modern u biex ikomplu jagħmlu progress permezz tal-qafas tal-progressjoni tal-karriera fi ħdan l-Aġenzija tagħna.

Rekwiżiti ta' Eliġibilità

Waħda mill-kwalifiki u/jew esperjenza li ġejjin it-tnejn f'qasam tal-ICT:

i) An ICT qualification (MQF Level 7) or higher and five (5) years' experience in ICT, three of which must be at a leadership/senior technical level; OR

ii) An ICT qualification (MQF Level 6) and six (6) years' experience in ICT, three (3)of which must be at a leadership/senior technical level; OR

iii) Ten (10) years' experience in ICT, three of which must be at a leadership/senior technical level

A detailed CV together with a covering email are to be submitted by not later than Thursday, 30th November, 2023, to (careers.mita@gov.mt)

24th November, 2023

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AGENCY

Technical Services Officer

Jobsplus Permit: 379/2017

Software Licence Management – Modern Workplace Technologies

MITA – Software License Management Office is leading the digital transformation across the Government of Malta, a digital transformation of continuous improvement, by empowering all Government Employees with a modern digital desktop based on Microsoft Technologies including Office365 online services.

MITA's Team is growing. Hence it is seeking to employ a Technical Services Officer to join us in this digital journey of implementing and supporting Modern Technologies. In this role you will have the opportunity to assist our enterprise customers embracing the digital transformation, while supporting from a technical perspective the cutting edge technology that MITA is driving across Government and assisting the line manager in administrative duties related to the management of several software contracts owned by MITA on behalf of the Government of Malta.

Eligible candidates must be willing to learn on Microsoft Tools & Applications, to get specialised in the Modern Workplace field and to progress further through the career progression framework within our Agency.

Eligibility Requirements

One of the following qualifications and/or experience both in an ICT area:

i) Kwalifika fil-Livell MQF 5 JEW ogħla; JEW

ii) Kwalifika f'qasam relatat (MQF 4) U sena esperjenza f'qasam tal-ICT; JEW

iii) 2 snin esperjenza f'qasam tal-ICT

Il-kandidati jistgħu jiġu offruti l-pożizzjoni bħala Livell Associate - Livell tal-Karriera 2; jew Livell tal-Karriera 3; jew Livell ta' Karriera 4, skont il-livell ta' kompetenza.

Gradwati ġodda jistgħu jiġu offruti opportunità ta' impjieg soġġetta għall-għoti ta' riżultati finali. Se jiġi pprovdut taħriġ.

CV dettaljata, flimkien ma' covering email għandha tintbagħat sa mhux aktar tard mit-Tnejn, 4 ta' Diċembru, 2023 lil: (careers.mita@gov.mt).

L-24 ta' Novembru, 2023

SERVIZZI EWROPEJ F'MALTA

Pożizzjoni ta' Uffiċjal Eżekuttiv ma' Servizzi Ewropej f'Malta

Permess tal-Jobsplus: 425/2023

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil

Servizzi Ewropej f'Malta (SEM) tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Uffiċjal Eżekuttivfi ħdan id- Diviżjoni tas-Servizzi Korporattivi.

1. Termini u Kundizzjonijiet

Dan il-post jifforma parti mit-tim tas-Servizzi Korporattivi u se jimtela fuq bażi full-time. Il-persuna magħżula għandha, għall-perjodu li matulu tkun qed taqdi dawn id-dmirijiet, taqa' taħt il-Kap ta' Diviżjoni.

Il-pożizzjoni ta' Uffiċjal Eċekuttiv hija fuq bażi indefinita u suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

Is-salarju bażiku għal din il-pożizzjoni jkun ekwivalenti għal Grad 6 tal-istruttura tal-Gradi u s-Salarji 2020-2023 ta' SEM, li fl-2023 huwa ta' €23,800.

Flimkien mas-salarju bażiku, l-Uffiċjal Eżekuttiv huwa intitolat għal:

Bonus għall-prestazzjoni sa 10% tas-salarju bażiku, u

Disturbance allowance sa 15% tas-salarju bażiku.

i) A qualification at MQF Level 5 OR higher; OR

ii) A qualification in a related area (MQF Level 4) AND 1 year' experience in an ICT area; OR

iii) 2 years' experience in an ICT area

Candidates may be offered the position as an Associate Level - Career Level 2; or Career Level 3; or Career Level 4, depending on competency level.

Fresh graduates may be offered an employment opportunity subject to the provision of final results. Training will be provided.

A detailed CV, together with a covering email is to be submitted by not later than Monday, 4th December, 2023 to: (careers.mita@gov.mt).

24th November, 2023

SERVIZZI EWROPEJ F'MALTA

Position of Executive at Servizzi Ewropej f'Malta

Jobsplus Permit Number: 425/2023

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

Servizzi Ewropej f'Malta invites applications for the position of Executive within Servizzi Ewropej f'Malta

1. Duration of Assignment and Conditions

This post will be filled on a full-time basis. The selected candidate shall, for the period during which one is performing such duties be accountable to the Head of Unit.

The position of Executive is on an indefinite basis and is subject to a probationary period of twelve (12) months.

The basic salary attached to this position, shall be equivalent to Grade 6 of the SEM Grading and Salary Structure 2020-2023, which in 2023 is €23,800.

In addition to the basic salary, the executive shall be entitled to

A performance Bonus of up to 10% of the basic salary, and

A disturbance Bonus of up to 15 % of the basic salary.

2. Dmirijiet

Id-dmirijiet ewlenin ta' Uffiċjal Eżekuttivjinkludu:

L-iżvilupp ta' pjanijiet, kampanji, rapporti, taqsiriet, preżentazzjonijiet u artikli għall-media, fost l-oħrajn;

L-assistenza lil organizzazzjonijiet varji fl-iżvilupp u t-tfassil ta' proposti għal proġetti, kif ukoll l-appoġġ matul l-implimentazzjoni tagħhom;

L-għoti ta' informazzjoni, l-appoġġ u l-inkoraġġiment ta' parteċipazzjoni attiva lil udjenzi varji f'inizjattivi finanzjati mill-UE;

It-twettiq ta' riċerka u rappurtaġġ rikjest skont il-ħtieġa;

L-għoti ta' appoġġ u kontribut attiv fl-ippjanar, l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta' laqgħat, kampanji tal-media u attivitajiet, organizzati jew koorganizzati minn Servizzi Ewropej f'Malta;

L-immaniġġjar u l-monitoraġġ ta' inizjattivi fi ħdan Servizzi Ewropej f'Malta, inklużi l-organizzazzjonijiet appoġġjati u attivitajiet tal-media, fost l-oħrajn;

Il-kollaborazzjoni u networking mal-imsieħba interni u esterni kif meħtieġ;

L-għoti ta' appoġġ fil-proċessi marbuta max-xiri pubbliku, skont ir-regolamenti, politiki, regoli, kundizzjonijiet linji gwida u mudelli rilevanti tal-UE u nazzjonali;

L-appoġġ lit-taqsima korporattiva, inklużi fir-riżorsi umani, il-finanzi u kompiti amministrattivi oħra kif meħtieġ;

L-organizzazzjoni u l-parteċipazzjoni f'laqgħat, taħriġ, konferenzi, eċċ., kemm lokalment u kemm barra l-pajjiż kif meħtieġ;

It-twettiq ta' dmirijiet oħra kif determinat minn żmien għal żmien mill-Kap Eżekuttiv jew id-delegati.

3. Kriterji ta' Eliġibbiltà

3.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i) a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

2. Duties

The main duties of Executive shall include:

Develop plans, campaigns, reports, briefs, presentations, and media articles, amongst others;

Assist various organisations in the development and drafting of project proposals as well as the provision of support during the implementation thereof;

Provide information and support as well as encourage active participation in EU-funded initiatives to various target groups;

Carry out research and reporting requirements as appropriate;

Provide support and contribute actively in the overall planning, organisation and implementation of meetings, media campaigns and events organised or co-organised by Servizzi Ewropej f'Malta;

Manage and monitor initiatives within Servizzi Ewropej f'Malta, including supported organisations and media activities, amongst others;

Collaborate and network with all relevant internal and external stakeholders as appropriate;

Provide support to procurement-related processes, in line with relevant EU and national regulations, policies, rules, conditions, guidelines, and templates;

Support the Corporate function, including HR, finance, and other administrative tasks as appropriate;

Organise and participate in meetings, training, conferences, etc., both locally and abroad as necessary;

Carry out other duties as may be determined from time to time by the CEO or their delegates.

3. Eligible Criteria

3.1 By the closing date of submission of the application, applicants must fulfil ALL the following conditions:

i) a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolament 18(3) tal-istess Regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il- Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill- Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii) ikollhom kwalifika akkademika rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti fir-rigward ta' programmi li bdew minn Ottubru 2023, debitament iċċertifikati mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) f'oqsma bħall-istudji tal-Unjoni Ewropea, Management, Public Policy, Business Administration, Finance, Accounting, Project Management, Economics, Legal Studies, Marketing, Riżorsi Umani u kwalunkwe qasam ieħor kif meqjus rilevanti; U

iii) minimu ta' sentejn (2) esperjenza ta' xogħol f'oqsma relatati.

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. Third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18 (3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii) Be in possession of a recognised academic qualification at MQF level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits or equivalent with the regards to programmes commencing as from October 2023, duly certified by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) in areas such as European Union Studies, Management, Public Policy, Business Administration, Finance, Accounting, Project Management, Economics, Legal Studies, Marketing, Human Resources and any other areas as deemed relevant; AND

iii) A minimum of two (2) years relevant work experience.

Esperjenza rilevanti tista' tinkludi esperjenza f'xogħol ma' jew f'organizzazzjonijiet mhux governattivi u/jew apprentistati; U

iv) ikollhom għarfien għoli fl-Ingliż u l-Malti (livell C1 fid-dimensjonijiet kollha skont il-Qafas Komuni Ewropew ta' referenza għal-lingwi jew CEFRL).

3.2 (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għall-finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat.

(ii) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment xi waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jippreżentaw evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni sad-data tal-għeluq tas-sejħa.

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(iii) L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtoritajiet maħtura oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet elenkati taħt it-Taqsima 7.

4. Proċeduri tal-Għażla

4.1 Il-kandidati eliġibbli jiġu mistiedna għal intervista mill-bord tal-għażla biex jiġi determinat jekk humiex adatti biex iwettqu d-dmirijiet relatati ma' din il-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija ta' 100% u l-marka minima hija ta' 50%.

5. Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

5.1 Curriculum vitae dettaljat li jinkludi lista ta' kwalifiki li għandu l-applikant li juri b'mod ċar il-post li qed japplika għalih; U

5.2 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom ikunu sostnuti b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopji tagħhom għandhom jiġu skennjati u mibgħuta mal-Curriculum Vitae fl-istadju tal-applikazzjoni.

5.3 Jipproduċi ċertifikat ta' kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux qabel xahar (1) mid-data tal-applikazzjoni.

Relevant experience may include experience in working with or in non governmental organisations and or/traineeships AND

iv) Possess thorough knowledge in English and Maltese (level C1 in all dimensions as per the Common European Framework of Reference for Languages or CEFRL).

3.2 (i) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

(ii) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question by the date of the closure of the call.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications.

(iii) Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications listed under Section 7.

4. Selection Procedures

4.1. Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the position. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

5. Submission of supporting documentation

5.1 A detailed curriculum vitae including a list of qualifications held by the applicant clearly highlighting the post being applied to; AND

5.2 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent with the Curriculum Vitae at application stage.

5.3 Produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application.

5.4 Iċ-ċertifikati oriġinali u/jew it-testimonjanzi għandhom dejjem jintwerew għall-verifika waqt l-intervista.

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu ndirizzati lill- Kap Eżekuttiv u jistgħu jintbagħtu permezz ta' ittra elettronika lil (recruitment.sem@gov.mt), jew bil-posta jew jitwasslu fl-uffiċċju ta' SEM f'280, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta VLT 1112, f'envelop magħluq sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ħamis, 7 ta' Diċembru, 2023.

Tintbagħat irċevuta bil-posta fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol mid-data tal-wasla tal-applikazzjonijiet.

Fin-nuqqas ta' rċevuta fi żmien ħamest (5) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet, huma l-applikanti konċernati li għandhom jikkonfermaw mal-entità jekk l-applikazzjoni waslitx sad-data tal-għeluq.

Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq ma jiġux aċċettati jew rikonoxxuti.

6. Informazzjoni Addizzjonali

6.1. Bdil raġonevoli għall-persuni b'diżabbiltà rreġistrati.

Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' persuni b'Diżabbiltà jistgħu jgawdu minn bdil raġonevoli skont Sezzjoni 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413 tal-Liġijiet ta' Malta), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għalkollox ir-rekwiżiti għal dan il-post/din il-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post/pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm l-approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Is-sottomissjonijiet għal bdil raġonevoli għandhom isiru skont il-formola speċifika li tinsab fis-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://publicservice.gov.mt/en/people/Documents/People-Resourcing-Compliance/Forms-Templates/Other-templates/KNPD-Reasonable-Accomodation-for-Registered-Persons-With-Disability.docx) (People Resourcing and Compliance – forms and templates), li għandha tiġi mehmuża mal-formola tal-applikazzjoni u għandha tkun imsaħħa b'dokumentazzjoni rilevanti li tinkludi evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni mal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' persuni b'Diżabbiltà. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati għaliex ir-rekwiżiti kollha tal-eliġibbiltà mhux qegħdin jiġu sodisfatti u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet raġunati. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lil Servizz Ewropej f'Malta.

5.4 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Applications are to be addressed to the CEO and may be sent via email on (recruitment.sem@gov.mt), or by post or delivered to SEM office at 280, Triq ir-Repubblika, Valletta VLT 1112, in a sealed envelope by not later than noon (Central European Time) of Thursday, 7th December, 2023.

Applications will be acknowledged in writing within five (5) working days from date of receipt.

In the absence of an acknowledgment within five (5) working days from the closing date of applications, it is the responsibility of applicants concerned to confirm with the receiving entity whether the application was received by the closing date.

Applications which are received after closing date and time are not accepted or acknowledged.

6. Additional Information

6.1 Reasonable accommodation for registered persons with disability.

Persons registered with the Commission for the Rights of Persons with Disability (CRPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act (Chapter 413 of the Laws of Malta), even if they do not satisfy, in full, the requirements for this post/position, provided they can carry out, in essence, the duties related to the post/position and subject to the approval of the Public Service Commission.

Requests for reasonable accommodation are to be made through the specific form available on the People and Standards Division website at the address (https://publicservice.gov.mt/en/people/Documents/People-Resourcing-Compliance/Forms-Templates/Other-templates/KNPD-Reasonable-Accomodation-for-registered-Persons-With-Disability.docx) (People Resourcing & Compliance – forms and templates), which should be attached to the application form and supported with relevant documentation including documentary evidence of registration with the Commission for the Rights of Persons with Disability (CRPD). Reasoned justification should be given why full eligibility requirements are not being met and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to Servizz Ewropej f'Malta.

6.2 Sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki

a) B'eċċezzjoni għal dawk il-kwalifiki msemmija fil-paragrafu 6.2b u 6.2c hawn isfel, l-applikanti għandhom jipproduċu dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa miċ-Ċentru Malti għar-Rikonoxximent tal-Kwalifiki u tal-Informazzjoni (MQRIC) fi ħdan il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Ogħla u Avvanzata (NCFHE), li għandha tinkiseb permezz ta' applikazzjoni online minn (https://services.ncfhe.gov.mt/CertificationApplication.aspx). Din id-dikjarazzjoni għandha tinhemeż mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista.

b) Qabel ma jintalbu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki skont paragrafu 3, il-kandidati huma mitluba l-ewwel jikkonsultaw il-'Lista ta' Korsijiet Akkreditati Offruti minn Istituzzjonijiet Liċenzjati' tal-NCFHE li tista' tinkiseb minn (http://ncfhe.gov.mt/en/register/Pages/register.aspx). L-applikanti huma eżentati milli jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent hekk kif imsemmi f'paragrafu 6.2 jekk qegħdin jippreżentaw kwalifiki mniżżla f'din il-lista. Il-kandidati għandhom jippreżentaw kopja stampata ta' din il-lista li tinkludi l-kwalifika meħtieġa.

c) Mhumiex meħtieġa dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximenti mill-MQRIC għall-kwalifiki maħruġa minn istituzzjonijiet Maltin li huma self-accrediting, jiġifieri mill-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST) u l-Istitut għall-Istudji Turistiċi (ITS); jew kwalunkwe kwalifika Maltija li ġiet akkreditata mill-NCFHE, li fuq iċ-ċertifikat jingħad 'Il-Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Ogħla u Avvanzata jidhrilha li dan iċ-ċertifikat huwa ta' MQF'.

d) Fejn jikkonċerna l-kwalifiki l-oħrajn kollha li ma jaqgħux taħt paragrafu 6.2b u 6.2c, l-applikanti huma meħtieġa jissottomettu dikjarazzjoni ta' rikonoxximent kif spjegat f'paragrafu 6.2a.

6.3 Sottomissjoni ta' rappreżentazzjonijiet dwar ineliġibbiltà, pubblikazzjoni tar-riżultat u sottomissjoni ta' oġġezzjonijiet dwar ir-riżultat

a) Rappreżentazzjonijiet dwar ineliġibbiltà jistgħu jsiru mill-kandidati lis-Segretarju Permanenti, Fondi Ewropej, Ministeru għall-Ekonomija, Fondi Ewropej u Artijiet, Tal-Pilar, 31B, Triq Marsamxett, Il-Belt Valletta, jew permezz ta' ittra elettronika lil (permsec.eufunds@gov.). Dawn ir-rappreżentazzjonijiet bil-miktub għandhom jiġu ppreżentati fi żmien ħamest (5) ijiem ta' xogħol mid-data li fiha l-kandidat jiġi infurmat mill-bord tal-għażla li mhuwiex eliġibbli.

b) Ir-riżultati jiġu ppubblikati u esibiti fuq in-notice board ta' Servizzi Ewropej f'Malta. Barra minn hekk,

6.2 Submission of recognition statements in respect of qualifications

a) With the exception of those qualifications referred to in paragraphs 6.2 b and 6.2 c hereunder, applicants are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the National Commission for Further and Higher Education (NCFHE), which is to be obtained by submitting an online 'Application for the Recognition of Qualifications' at (https://services.ncfhe.gov.mt/CertificationApplication.aspx). Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

b) Prior to requesting recognition statements as per paragraph 3 above in respect of their qualifications, candidates should first consult the 'List of Accredited Courses Offered by Licensed Institutions' of the NCFHE which can be accessed on (http://ncfhe.gov.mt/en/register/Pages/register.aspx). Applicants are exempt from submitting a recognition statement as mentioned in paragraph 6.2a if they are presenting qualifications listed therein. A print of such list including the qualification is to be presented by the applicant.

c) No recognition statement by MQRIC is required in respect of qualifications issued by Maltese self-accrediting institutions, these being the University of Malta, MCAST and ITS; or any Maltese qualification that has been accredited by the NCFHE, which on the certificates states: 'The National Commission for Further and Higher Education deems this certificate to be MQF '.

d) In the case of qualifications not covered by 6.2b and 6.2c, applicants are to submit the recognition statement as described in paragraph 6.2a.

6.3 Submission of representations regarding ineligibility, publication of result and submission of petitions relating to the result

a) Representations on issues of ineligibility may be made by candidates to the Permanent Secretary, EU Funds, Ministry for the Economy, European Funds and Lands, Tal- Pilar, 31B, Triq Marsamxett, Valletta, or by email to (permsec.eufunds@gov.mt). Such representations, in writing, are to be submitted within five (5) working days from the date on which the candidate is informed by the selection board that s/he is not eligible.

b) The results will be published and exhibited on the notice board of Servizzi Ewropej f'Malta. Furthermore, a

notifika tal-ħruġ tar-riżultat tintbagħat permezz ta' ittra fl-indirizz elettroniku tal-kandidati.

c) Oġġezzjonijiet għar-riżultat għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju Permanenti, Fondi Ewropej, Ministeru għall-Ekonomija, Fondi Ewropej u Artijiet, Tal-Pilar, 31B, Triq Marsamxett, Il-Belt Valletta, jew permezz ta' ittra elettronika lil (permsec.eufunds@gov.mt). L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data li fiha n-notifika tkun ġiet ippubblikata fuq in-notice board. Il-kandidati huma avżati biex jiċċekkjaw regolarment l-ittri elettroniċi tagħhom sabiex ikunu jafu bil-pubblikazzjoni tar-riżultat.

6.4 Informazzjoni Oħra

Servizzi Ewropej f'Malta hija impjegatur ta' opportunitajiet indaqs kif iċċertifikat mill-NCPE (Kummissjoni Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Ugwaljanza) u hija impenjata li tħaddem politika ta' opportunitajiet indaqs fl-aspetti kollha tal-impjieg u se tieħu ħsieb li tevita kull forma ta' diskriminazzjoni fil-proċeduri ta' reklutaġġ tagħha.

Il-kandidati m'għandhomx jersqu, direttament jew indirettament, lejn il-bord tal-għażla taħt l-ebda ċirkostanza fir-rigward ta' dan il-proċess ta› reklutaġġ. Il-bord tal-għażla jżomm id-dritt li jiskwalifika kull kandidat li ma jagħtix kas din l-istruzzjoni.

SEM għandha tiżgura li kwalunkwe pproċessar ta' data personali jkun skont ir-Regolament (UE) 2016/679 (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-data), l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kapitolu 586 tal-Liġijiet ta' Malta) u kwalunkwe liġi rilevanti oħra tal-Unjoni Ewropea u nazzjonali.

Il-kandidati għandhom jinnutaw li s-sottomissjoni ta' kwalunkwe dikjarazzjoni jew ommissjoni falza, anke jekk mhux intenzjonata, tista' twassal għat-tħassir tal-applikazzjoni tagħhom u tista' tirrendi l-ħatra tal-kandidat suġġetta għat-terminazzjoni.

SEM tirriżerva d-dritt li tirtira din is-sejħa fi kwalunkwe ħin u li ma tagħżel l-ebda wieħed mill-kandidati.

6.5 Żamma ta' Dokumenti

L-applikazzjonijiet jinżammu skont iż-żmien stipulat fir-Retention Policy ta' Servizzi Ewropej f'Malta

notification of the issue of the result will be sent by email to candidates' electronic address.

c) Petitions objecting to the result are to be submitted to the Permanent Secretary, EU Funds, Ministry for the Economy, European Funds and Lands Tal-Pilar, 31B, Triq Marsamxett, Valletta or through electronic mail on (permsec.eufunds@gov.mt). Petitions are to reach the Commission within ten (10) working days from the date on which the notification has been published on the noticeboard. Candidates are advised to regularly check their emails in order to be aware of the publication of the result.

6.4 Other Information

SEM is an Equal Opportunities Employer as certified by the NCPE (National Commission for the Protection of Equality) and is committed to a policy of equal opportunity in all aspects of employment and will take care to avoid any form of discrimination in its recruitment procedures.

Candidates should not approach, directly or indirectly, the selection board under any circumstances in relation to this recruitment process. The selection board reserves the right to disqualify any candidate who disregards this instruction.

SEM shall ensure that any processing of personal data is in accordance with Regulation (EU) 2016/679 (General Data Protection Regulation), the Data Protection Act (Chapter 586 of the Laws of Malta) and any other relevant European Union and national law.

Candidates are to note that the submission of any false statement/s or omission, even if unintended, may lead to the cancellation of their application and may render the candidate's appointment liable to termination.

SEM reserves the right to withdraw this call at any time and not to select any of the candidates.

6.5 Retention of Documents

Applications will be retained in line with the stipulated timeframe in the Retention Policy of Servizzi Ewropej f'Malta.

KUNSILL REĠJONALI LVANT

Deputat Reġistratur fit-Tribunal Lokali ta' San Ġwann (Deputy Registrar – Scale 13)

Jobsplus Permit Number: 754/2023

Il-Kunsill Reġjonali Lvant qed ifittex biex jimpjega Deputat Reġistratur fit-Tribunal Lokali f'San Ġwann fuq bażi Full-time.

L-applikant irid ikun eleġibbli f'waħda mill-kategoriji li ġejjin:

(a) Fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta (sentejn (2) full-time jew ekwivalenti) f'Livell 4 tal-MQF (soġġett għal minimu ta' 120 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti) f'suġġetti fejn il-qasam ta' studju ewlieni jew sekondarju jkun f'wieħed minn dawn: Public Policy, Management, Business jew Office Administration, Riżorsi Umani, Taħriġ u Żvilupp, Finanzi, Accounts, Ekonomija, Amministrazzjoni Pubblika, Business Studies, Politika Soċjali, Relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u Internazzjonali, Tekonoloġija tal-Informatika u ICT, Environmental Studies u studji relatati mal-Immanniġġjar tal-Agrikoltura/Manniġġjar tal-Enerġija, Statistika, Built Environment, Project Management, Quality Management, Komunikazzjoni, Soċjoloġija, Procurement, Studji Segretarjali jew suġġetti oħra f'oqsma ta'studju relatat; jew

(b) fil-pussess ta' kwalifika ta''A' Level f'Livell 4 tal-MQF (fi Grad 1-5, Grad C jew livell komparabbli) f'suġġetti relatati.

Fil-każijiet imsemmija hawn fuq, l-applikanti għandhom ikunu wkoll fil-pussess ta':

(i) kwalifika vokazzjonali f'Livell 3 tal-MQF, jew il-kwalifika ta' Ċertifikat u Profil tal-Iskola Sekondarja f'Livell 3 tal-MQF fil-Malti, l-Ingliż, il-Matematika u IT Office Application Skills bħala taqsimiet ta' studju separati fil-kors segwit, sakemm dawn is-suġġetti mhumiex inklużi bħala taqsimiet ta' studju separati fil-kors ta'studji u, jew suġġetti ta' 'A' Level segwiti f'Livell 4 tal-MQF; jew

(ii) kwalifika li turi li għaddew (tal-inqas fi Grad 1-5,Grad C jew livell komparabbli) f'Livell 3 tal-MQF fil-Malti, l-Ingliż, il-Matematika u IT Office Application Skills, sakemm dawn is-suġġetti mhumiex inklużi bħala taqsimiet ta' studju separati fil-kors ta' studji u, jew suġġetti ta''A' Level segwiti f'Livell 4 tal-MQF; jew

(c) uffiċjali pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta fil-grad ta' Skrivan Anzjan li l-ħatra tagħhom kienet ikkonfermata u li jkollhom minimu ta'sentejn (2) servizz sodisfaċenti fil-grad;

EASTERN REGIONAL COUNCIL

Deputy Registrar in the Local Tribunal of San Ġwann (Full-Time – Scale 13)

Jobsplus Permit Number: 754/2023

Eastern Regional Council is seeking to recruit a Deputy Registrar in the Local Tribunal of San Ġwann on a Full-time basis.

The applicant my be eligible in one of the following categories:

(a) In possession of a recognized qualification (two (2) years full-time or equivalent) at Level 4 of the MQF (subject to a minimum of 120 ECTS/ECVET credits or equivalent) in subjects where the field of ' main or secondary study is in one of these: Public Policy, Management, Business or Office Administration, Human Resources, Training and Development, Finance, Accounts, Economy, Public Administration, Business Studies, Social Policy, European Union Relations and International, Information Technology and ICT, Environmental Studies and studies related to Agricultural Management/Energy Management, Statistics, Built Environment, Project Management, Quality Management, Communication, Sociology, Procurement, Secretarial Studies or other subjects in related fields of study; or

(b) in possession of an 'A' Level qualification at Level 4 of the MQF (at Grade 1-5, Grade C or comparable level) in related subjects.

In the cases mentioned above, applicants must also be in possession of:

(i) a vocational qualification at Level 3 of the MQF, or the qualification of a Secondary School Certificate and Profile at Level 3 of the MQF in Maltese, English, Mathematics and IT Office Application Skills as separate study units in the course followed, unless these subjects are included as separate study units in the course of studies and, or 'A' Level subjects followed at Level 4 of the MQF; or

(ii) a qualification showing that they have passed (at least Grade 1-5, Grade C or a comparable level) at Level 3 of the MQF in Maltese, English, Mathematics and IT Office Application Skills, provided that the subjects are not included as separate study units in the course of studies and, or 'A' Level subjects followed at Level 4 of the MQF; or

(c) public officials in the Public Service of Malta in the rank of Senior Clerk whose appointment was confirmed and who have a minimum of two (2) years of satisfactory service in the rank;

(d) uffiċjali pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta fil-grad ta' Skrivan li l-ħatra tagħhom kienet ikkonfermata u li jkollhom minimu ta'tliet (3) snin servizz sodisfaċenti fil-grad; jew

(e) sentejn (2) esperjenza fil-grad ta' Skrivan (Skala 15) ma' Kunsill Lokali u soġġett għal performance sodisfaċenti u għal kwalifiki minimi ta'Skala 15.

Applikanti interessati għandhom jibagħtu s-CV tagħhom u kopja taċ-ċertifikati bil-posta jew b`imejl fuq (regjun-lvant.dlg@gov.mt) mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 8 ta' Diċembru, 2023 f`nofsinhar.

L-24 ta' Novembru, 2023

AĠENZIJA ŻGĦAŻAĠĦ

AZ014/2023 Sejħa ta' Interess – Servizz ta' Awditur m'Aġenzija Żgħażagħ

Aġenzija Żgħażagħ, qegħda tilqa' applikazzjonijiet għal servizz ta' Awditur.

Informazzjoni dettaljata hija aċċessibbli fuq is-sit elettroniku ta' l-Aġenzija Żgħażagħ (https://youth.gov.mt/request-for-quotations/).

Ittra ta' espressjoni ta' Interess, f'format ta' European Curriculum Vitae flimkien mal-kwalifiki, esperjenzi, referenzi u kopja tac-CPA warrant jintlaqgħu minn Aġenzija Żgħażagħ, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera SVR sa mhux aktar tard mit-Tlieta, 12 ta' Diċembru, 2023 f'nofsinhar CET. Applikazzjonijiet għandhom jitwasslu bl-idejn jew jintbagħtu bil-posta reġistrata.

Il-proposta finanzjarja għandha tinkludi s-servizzi elenkati fis-sejħa tal-kwotazzjoni u tkun ikkalkulata fuq il-ħlas annwali inkluz il-VAT.

Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati u kmieni biżżejjed sabiex jaslu qabel id-data tal-għeluq. L-applikanti jiġu mgħarrfa li tkun waslet l-applikazzjoni fi żmien ġurnata ta' ħidma.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Aktar informazzjoni jew kjarifiki jinkisbu mingħand Rowena M Borg 9989 1714 mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8.30 a.m. sal-4.00 p.m. jew permezz ta' email fuq (rowena.borg@gov.mt).

L-24 ta' Novembru, 2023

(d) public officials in the Public Service of Malta in the rank of Clerk whose appointment was confirmed and who have a minimum of three (3) years satisfactory service in the rank; or

(e) two (2) years experience in the grade of Clerk (Scale 15) with a Local Council and subject to satisfactory performance and minimum qualifications of Scale 15.

Interested applicants should send their CV and a copy of the certificates by post or by e-mail on (regjun-lvant.dlg@gov.mt) by not later than Friday, 8th December, 2023 at noon.

24th November, 2023

AĠENZIJA ŻGĦAŻAĠĦ

AZ014/2023 Expression of Interest – Auditor with Aġenzija Żgħażagħ

Aġenzija Żgħażagħ is receiving applications for the services of an Auditor.

Full details and specifications can be downloaded from the Aġenzija Żgħażagħ website (https://youth.gov.mt/request-for-quotations/).

Expression of Interest letters including a Europass CV, work experience, references and copy of the CPA warrant are to be submitted to Aġenżija Żgħażagħ, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera SVR 1013 in a sealed envelope by not later than Tuesday, 12th December, 2023 at noon CET. Applications must be submitted either by hand or through registered post.

The financial proposal submitted should include all the services specified in the call for quotation and be calculated per annum and inclusive of VAT.

Applications by post should be sent by registered mail, allowing sufficient time to ensure delivery by the above-stipulated deadline. These applications will be acknowledged in writing by Aġenzija Żgħażagħ within one working day.

Late applications will not be considered.

For further information or queries, one may contact Rowena M Borg on 9989 1714 from Monday to Friday from 8.30 a.m. to 3.00 p.m. or via e-mail at (rowena.borg@gov.mt).

24th November, 2023

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżamijiet ta' Kwalifikazzjoni għal Supply Learning Support Educators – Ottubru/Novembru 2023

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf li r-riżultati tal-eżamijiet hawn fuq imsemmija ġew ippubblikati kif ukoll mibgħuta bil-posta lil kull kandidat mid-Dipartiment tal-Eżamijiet. Ir-riżultat ippubblikat jinsab fuq in-notice board tal-Edu Servizz.gov, il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, Triq l-Assedju l-Kbir, Il-Furjana, u fiċ-Ċentru tal-Eżamijiet,Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex, fil-ħinijiet tal-uffiċċju.

Dawk l-applikanti li ma rċevewx ir-riżultat bil-posta huma mitluba biex jikkuntattjaw lid-Dipartiment tal-Eżamijiet permezz ta' ittra elettronika lil (myexams@gov.mt) minnufih.

L-24 ta' Novembru, 2023

DEPARTMENT OF EXAMINATIONS

Qualifying Examinations for Supply Learning Support Educators – October/November 2023

The Director of Examinations notifies that the results for the above examinations have been published and also sent by post to the candidates. The published results may be viewed at the Edu Servizz.gov, Ministry for Eduction, Sport, Youth, Research and Innovation, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, and at the Examinations Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo, during office hours.

Any candidate who has not received the notice is kindly requested to contact the Department of Examinations by email to (myexams@gov.mt) immediately.

24th November, 2023

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Bis-saħħa tar-regolament 90 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu illi l-kandidati nominati skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 tal-iskeda msemmija hawn fuq, għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għal-Lokalità ta' Il-Ħamrun huma dawn li ġejjin, jiġifieri:

Kandidati Nominati

APAP NOEL
VASSALLO ANTOINE

Il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu wkoll illi huma se jibdew jeżaminaw il-poloz ta' Dott. Cynthia Tomasuolo għal-Lokalità ta' Il-Ħamrun , skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 91 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363), nhar it-Tnejn, 27 ta' Novembru, 2023 mid-9.00 a.m. fis-Sala tal-Għadd tal-Voti, In-Naxxar.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

L-24 ta' Novembru, 2023

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

Notice

By virtue of regulation 90 of the Third Schedule of the Local Government Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners hereby notify that the candidates nominated in accordance with the provisions of regulation 89 of the aforesaid schedule for the casual election of a Councillor for the Locality of Il-Ħamrun are the following that is:

Nominated Candidates

APAP NOEL
VASSALLO ANTOINE

